# Kafè Doppju għat-Triq

Antonio Olivari

Jum bħall-oħrajn fi Triq Żakkarija l-Belt Valletta. Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-isfond. Turisti armati bil-kameras f'idejhom. Ħaddiema fil-maġġorparti tagħhom tal-gvern. Avukati jew kriminali lkoll bil-ġlekk. Diffiċli tikkonkludi min hu min. Xi residenti waħdiet milli fadal joqogħdu fl-inħawi ħerġin u deħlin mill-bibien. Kulħadd b'ħeffa, fi triqtu lejn l-impenji, li dalgħodu sparkjatlu daqstant enerġija tant li ġegħlitu joħroġ mis-sodda. Oħrajn mexjin bil-lajma jħarsu lejn il-ħwejjeġ, żraben u arloġġi fl-armaturi tal-ħwienet. Xi nemmiesi ntefa' wkoll f'waħda mill-gallariji wara l-purtiera mniżżla. U tat-takeaway magħhom.

"Fiex nista' naqdik?"

Jistaqsi Ġorġ lil kull min jieqaf quddiem il-bank tal-gabbana fejn issibu ta' kuljum. F'qalbu jkun qed ikanta r-ritornell kollu tal-kanzunetta famuża tar-Rage Against Society, magħrufin l-aktar bħala R.A.S. Jgħid iżda l-aħħar versett biss għall-korteżija. Ilissen il-kliem u minn barra l-gabbana l-ewwel jinstema' biss leħnu jidwi. Imbagħad min qiegħed hemm biex jixtri xi ħaġa jinduna li hemm proxxmu wara l-bank jiġġebbed biex jitla' fuq il-platform. Jirrispondu lkoll b'ilħna differenti.

"Two cheesecakes please."

"Ftira biż-żejt u Coke Zero."

"Agħmilli qassata u sausage roll."

"Kafè doppju għat-triq Frans."

“Fadallek tnejn piżelli Joe?”

Apparti l-bank għat-takeaway Ġorġ għandu wkoll qisha toqba – għaliha trid tinżel ħames tarġiet mil-livell tat-triq - biex ikun jista’ jgħid li għandu iktar minn takeaway. Bħal ngħidu aħna coffee shop. Jistħajlux qiegħed Amsterdam. Fiha normalment jinżlu jpoġġu erbat ixjuħ ibeżilqu pastizz u tazza te wara l-quddies u aktar tard jaslu xi ħaddiema bla aptit li jiltaqgħu u jagħmluha man-nies. Ideali biex tinħeba minn wiċċ id-dinja. Ħanut tal-kafè b’dekor stile pre-Beatles li xi darba kien toqba ġol-ħajt tort ta’ xi bomba li tefgħu f’xi waħda mill-gwerer li sfat vittma tagħhom il-Belt matul iż-żminijiet. Imbagħad wara li għadda kollox il-Beltin ma kellhomx aptit jerġgħu isodduha u minflok wellewha. Minn dejjem konna business-friendly. Ma nirrifjutawx qamħ u hekk.

"Espresso please."

Jgħidha proxxmu bil-qalziet suppost iswed, għalkemm ma tlumx lil min jaħsbu jkanġi fil-griż. Qmis kulur ċelesti sa tixpakka. Xi ħaddiem tal-Gvern li ilu jilbes l-istess ħwejjeġ mit-Tnejn sal-Ġimgħa sa minn meta kien ġuvnott għadu jibda d-dinja tax-xogħol, bit-typewriter u telefon rotary dial fuq l-iskrivanija. Issibu jkun daħal kmieni l-belt biex jilħaq isib jipparkja fejn irid qabel kulħadd. L-istess proċedura li trendi l-istess riżultat, ipperfezzjonata sal-inqas sekonda fuq medda ta’ snin.

“Agħmillu ekspresso Ċal.”

It-tweġiba storbjuża ta’ Ġorġ tkun diretta lil xi ħadd li qiegħed wara l-kwinti ġo kantina mhux ventilata jaħdem daqs bagħal. Proxxmu li jagħmel ġurnata jilqa’ l-ordnijiet u jissuplixxi kull ħaġa li tintalab minnu mingħajr ma jgerger. L-eroj li qatt ma jingħata premjijiet.

“Agħmel waħda bajd u ġobon. X’ħobża trid ħi? Għandi panini, ftajjar, sengwiċċ u bagè. Ejja trid majonejż sabiħ? Ħass u tadam? Ħass u tadam? Bżar u melħ? Bżar u melħ?”

“Orange juice għandek tal-ħawħ? Jekk le waddab ice-tea mela. Tal-ħawħ xorta mela.”

“Aqbad u ħu mill-friġġ sabiħ u għidli x’ħadt.”

“Do you have napkin?”

“X’għidt li ridt? Mocha frappuccino blended x'jaħbat? Hawn te u kafè nagħmlu mhux dan-nejk."

“Ewro u eighty. Għandek eżatt?”

Ix-xemx tisreġ għal sigħat twal imma fuq Triq Żakkarija ħanina. It-triq mhijiex wiesgħa. Meta traxxax ix-xita, iżda, l-wisa' ma tagħmilx differenza. U meta ma tkunx mistennija tara n-nies f'paniku ta' għaġla qisu daqq ir-rejd. Dan kollu biex ma jħarbtux naqra xagħarhom. Jitfaċċaw bejjiegħa tal-umbrelel f'kull kantuniera. Tal-ħaxix tisimgħu min-naħa l-oħra tat-triq f'litanija ta' qaddisin biex il-banana, t-tuffieħ, patata u mandolin ma jiġrilhom xejn. Jinstema' wkoll l-eku tal-kitarri tal-Music Shop li m'għadux hemm u joħroġ qisu ħoss ta'tħaxwix tal-karti mill-uffiċċju li qabel kien tal-ETC. Eku ta' karti li kull waħda, xi darba, kienet xogħol potenzjali għal żgħażagħ li qabel l-internet kienu jqattgħu l-isbaħ sigħat jiflu n-noticeboard, jaraw liema impjiegi jgħoddu għalihom, u jiddeċiedu għal liema minnhom ser japplikaw. Żmien il-ħaġar 'il ma jinħassx daqstant 'il bogħod. Kif m'għandux nies Ġorġ jintefa' jipprattika l-idea tiegħu ta' flerting.

"Ħu ħsieb dik il-frenża sinjura għax il-Prinċipal jiġbidlek ... l-attenzjoni."

"Run baby or you'll wet yourself."

"Tridx tiġi xi ftit wara l-bank Lilly sakemm tnaqqas ix-xita?"

Jitfaċċa wkoll vann quddiem it-toqba, bl-istorbju kollu li ġġib magħha vettura li tiftakar lil Mintoff Prim Ministru b'silencer li m'għadux effettiv u magna bis-sulluzzu tas-sakranazzi. Wasal Jeremy bix-xogħol, fis-sigħat ristretti li fihom jista' jidħol il-Belt f'din it-triq. Għaġla u panik għax dan il-ħin jgħaddi malajr u jispiċċa jlaqqat ċitazzjoni.

"Oww ooow OOOOOW!"

Dik hi l-ħanxra ta' Ġorġ li biha joħroġ jiġri 'l barra – jaqbeż mill-platform - biex jidderieġi lil tal-vann għall-aħjar post fejn jipparkja. Il-ħorn jibda jdoqq qisu Jeremy raqad fuqu. Ġara li fejn Ġorġ ried lis-sewwieq jiddeffes, biex ma jagħlaqx it-triq, kien hemm turist b'videocamera jiffilmja l-faċċata tal-Kon-Katidral u bilkemm induna b'li kien għaddej.

"Ejja EJJA".

Jagħmel mossi li jfissru imxi 'l quddiem. Iżda s-sewwieq ma jistax minħabba t-turist u allura dan jagħmel sinjal lura lil Ġorġ biex jgħid lit-turist jersaq. F'dagħdiha joħorġu baraġġ ta' kliem pastaż u għajjat.

"Żul min-nofs mister. Ejja m'għandekx bżonn video sabiħ. The cathedral will not move. Ejja a photo is enough."

* * *

Jum ieħor bħall-oħrajn fi Triq Żakkarija l-Belt Valletta. Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-isfond. Turisti, ħaddiema u xi residenti milli fadal joqogħdu l-Belt ilkoll mgħaġġlin fi triqithom lejn l-impenji tagħhom. Ġorġ jilmaħ tfajla miexja għall-affari tagħha.

"Do you want me to ride you home sabiħa?